**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 21 ta' Marzu 2024**

Rikors Numru: 61/24 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1934/2021)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-partijiet ikkuntrattaw iż-żwieġ tagħhom nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn, wiehed u ghoxrin (2021) gewwa l-Cortile, l-Iklin hekk kif indikat fiċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bhala Dokument A).

2. Illi l-partijiet huma genituri ta' tifel, jismu E-F D li twieled nhar id- dsatax (19) ta' Dicembru 2019 (certifikati tat-twelid annessi u mmarkati bħala Dokument B).

3. Illi permezz ta' kuntratt ta separazzjoni datat nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru 2022, fl-atti tan-Nutar Dott. Cheryl Ann Aquilina Polidano, il-partijiet kienu xoljew il-kommunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnithom u iddikjaraw fost oħrajn li kien ilhom separati de facto minn Lulju 2022 (kuntratt anness u mmarkat bhala Dokument C)B'hekk ġie sodisfatt Artikolu 66B(b) tal-Kapitolu 16 tal- Liġijiet ta' Malta.

4. Illi hekk kif jitlob Artikolu 66B(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hemm ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet kienu irrinunzjaw għad-dritt li jirċievu manteniment mingħand xulxin. Filwaqt li qablu li l-intimat għandu jivversa lill-esponenti s-somma ta' Eur300 fix-xahar għal minuri, bhala manteniment permezz ta' standing order, u l-ispejjez ta' edukazzjoni, saħħa u attivitajiet extra-kurrikulari jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Dan il-manteniment qiegħed jithallas regolarment u l-esponenti tiddikjara li ma hemm ebda arretrati dovuti lilha fir-rigward. B'hekk Artikolu 66B(d) ġie sodisfatt ukoll.

6. Illi għalhekk il-kriterji imposti mill-Ligi għall ottjeniment tad-divorzju taht Artikolu 66B huma sodisfatti.

7. Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors l-esponenti qieghda tannetti l-affidavit taghha stess fejn qiegħda tikkonferma, l-fatti suesposti personalment, immarkat bhala Dokument D.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini ta' Artikolu 66C;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet ai termini ta' Artikolu 66A(4)biex dan jigy registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Frar 2024;

Semgħet lill-intimat preżenti fl-awla jwieġeb fuq domanda tal-qorti li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Novembru 2022 u *de facto* separati minn Lulju 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.